TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 172/13/GB

**Paul Cini**

**vs**

**International Sales Direct – Rita Borg**

Illum 22 ta' Jannar 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Lulju, 2013, fejn ir-rikorrent talab kumpens ta' erbgha mija sebgha u sebghin Ewro (€477.00), rapprežentanti nuqqas ta' units ta'dawl mill-4 ta' Mejju 2011 sal-25 ta' Lulju 2013 mill-photovoltaic panels li huwa xtara minghand is-socjeta' ntimata; flimkien ma' danni morali fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00).

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara disgha (9) photovoltaic panels minghand is-scojeta' ntimata, fejn huwa kien gie nformat illi disgha (9) panels jaghmlu disgha (9) units ta' dawl kuljum. Ir-rikorrent kien informa lis-socjeta' ntimata bil-miktub dwar din il-problema, iżda l-average ta' disgha (9) units ta' dawl baqa' ma ntlahaqx. Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob kumpens ghal dan in-nuqqas ta' units ta' dawl mill-4 ta' Mejju 2011 sal-25 ta' Lulju 2013, li skond l-Enemalta Meter Reading huwa ta' hamest elef sitt mija disgha u tletin (5639) units, li jammontaw ghal erbgha mija sebgha u sebghin Ewro (€477.00). Ir-rikorrent qed jitlob ukoll danni morali fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00). Illi ghalhekk, ir-rikorrent qed jitlob total ta' disgha mija sebgha u sebghin Ewro (€977.00) minghand is-socjeta' ntimata, u li l-photovoltaic panels jibdew

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

jiġġeneraw disgha (9) units ta' dawl kuljum mill-iktar fiss possibbli, peress illi tali panels ghadhom taht garanzija ta' hamsa u tletin (35) sena.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet hadet ir-reading tar-rikorrent, minn fejn jirrizulta li d-differeneza hija ghaliex minn meta hija wahhlet il-panels sakemm l-ARMS gabru l-arlogg, lahqu iggeneraw tmien mija disgha u erbghin (849) units illi r-rikorrent ma hax rendikont taghhom. Meta tikkonsidra illi l-panels jaghtu sa disghin fil-mija (90%) fl-ewwel ghaxar (10) snin, ir-reading li hadet is-socjeta' ntimata hija korretta. Kull meta r-rikorrent qal illi kellu l-hsara, is-socjeta' ntimata dejjem marret tiċċekkja u kien hemm ukoll kaz fejn hija biddlet il-panels sabiex ir-rikorrent ikun kuntent u mhux ghaliex kellhom il-hsara. Illi ghalhekk is-socjeta' ntimata ma thossx illi ghandha thallas kumpens lir-rikorrent.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferm il-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa sett ta'dokumenti, li gew immarkati bhala Dok.PC1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermta il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-garanzija, li ġiet immarkata bhala Dok.RB1.

It-Tribunal appunta lill-Ingineer Charles Yousif, bhala espert tekniku f'din il-kawza, sabiex jeccedi fuq il-post u jirrelata dwar l-ilment tar-rikorrent.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tar-relazzjoni tal-espert tekniku, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata taghmel ix-xogholijiet kollha neċessarji fuq il-photovoltaic panels in kwistjoni, hekk kif gie elenkat fil-konkluzjonijiet tar-relazzjoni tal-espert, u thallas l-ammont ta' disgha mija sebgha u sebghin Ewro (€977.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**